ĦARĠA NUMRU 24 - XITWA 2020

NEWSPAPER POST

# Nisġet artna

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# Editorjal

Għeżież qarrejja,

Dħalna fl-istaġun tax-xitwa u għal darb'oħra qed nerġgħu nidħlu fi djarkom permezz ta' din ir-rivista.

Dan l-istaġun iġib miegħu l-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Huma bosta li jistennew dawn il-festi bil-ħerqa, speċjalment it-tfal li jifirħu b'xi rigal sabiħ u d-dilettanti tal-festi u tat-tradizzjonijiet Maltin. Għalkemm dawn huma affarijiet sbieħ, l-isbaħ ħaġa hija l-għaqda bejnietna li jġib miegħu dan iż-żmien, u l-ġest li naħsbu f'min hu inqas ixxurtjat minna. Din is-sena l-Milied se jkun naqra b'differenza. Minħabba l-pandemija ma nistgħux inżuru lill-anzjani u tfal fil-bżonn u nferrħuhom bil-preżenza tagħna, iżda dan kollu m'għandux iwaqqafna milli ngħinuhom u nferrħuhom b'modi oħra bħal imqar telefonata, nibagħtulhom xi rigal, u kull forma t'għajnuna possibbli biex nagħmlu l-ħajja ta' dawn in-nies aħjar.

Nixtieq nagħlaq dan l-editorjal billi nirringrazzja lill-kollegi u lill-kontributuri li bis-saħħa tagħhom stajna nwasslu għal sena oħra, pubblikazzjonijiet informattivi u b'suġġetti varji li ninsab ċerta li ntlaqgħu tajjeb ħafna magħkom il-qarrejja. Grazzi wkoll lilkom il-qarrejja tar-rispons li dejjem ittuna u timlewna bil-kuraġġ sabiex nibqgħu naħdmu biex dejjem inwasslulkom dan il-ktejjeb ġewwa djarkom.

Tinsewx tingħaqdu magħna fuq il-paġna ta' Facebook Nisġet Artna sabiex tibqgħu dejjem aġġornati b'dak kollu li jkun għaddej fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Nixtiqilkom il-Milied it-tajjeb u sena mimlija risq, hena u saħħa.

Tislijiet,

**Claire Cauchi**

# Nisġet artna


Pubblikazzjoni maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Dipartiment għall-Affarijiet Rurali**
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp
L-Għammieri, Triq l-Ingiered
Il-Marsa, MRS3303




*Ritratt meħud minn Emanuel Cauchi*


**Editur**
Claire Cauchi

**Qari tal-provi**
Proofreading Malta

**Kontributuri**
Stephen Spiteri
Fisheries Research Unit
Neil Tanti
Nathalie Spiteri D'Amato
Mark Grech
Maria Micallef
Nicole Galea
Alice Anne Steer
Sharon Scerri
Ray Caruana
Jeffrey Sciberras
Matthew Laspina

**Stampar**
Government Printing Press

**Disinn**
Outlook coop


# Il-Werrej


03 L-Introduzzjoni tal-Ministru

04 Għajnuna Għall-Bdiewa Minħabba COVID

05 Baġit ta' Madwar 17-il Miljun Ewro f'Għajnuna Finanzjarja

06 Riċerka Dwar il-Ħut fil-Gżejjer Maltin

08 Il-Malta Rabbit Club

09 It-Tberik tad-Dgħajjes u tal-Bastimenti

10 Is-Settur taż-Żejt taż-Żebbuġa f'Malta

11 It-Tnedija tas-Sena Internazzjonali tas-Saħħa tal-Pjanti 2020 f'Malta

12 L-Użu tal-Antibijotiċi fl-Annimali

14 Id-Direttorat tal-Agrikoltura fil-Front Office

15 L-AGRIHUB - Proġett fl-Għammieri

16 L-Attivitajiet fi Ħdan iż-Żona tal-Baħar fit-Tramuntana ta' Malta

17 Għaqdiet Volontarji Jingħataw €76,893.40 mill-Gvern

18 Il-Proġett ta' Konservazzjoni tal-Bużaqq

20 Prattiċi Sostenibbli fl-Attività Agrikola

21 Konferenza Diġitali Nazzjonali Għall-Jum Dinji tal-Annimali

22 Artiklu għat-tfal – Il-Girlanda

23 Riċetti

# L-Introduzzjoni tal-Ministru



**Anton Refalo**
Ministru għall-Agrikoltura,
Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Għeżież,
Għaddew tliet xhur mill-aħħar pubblikazzjoni u wasalna wkoll fit-tmiem tas-sena 2020, sena li, minkejja l-ostakli kollha, kienet waħda ferm impenjattiva, kemm fis-settur agrikolu, kemm f'dak tas-sajd, u kif ukoll f'dak tad-drittijiet tal-annimali. Kienet sena li fiha rajna t-twettiq ta' proġetti, introduzzjoni ta' oħrajn, u inizjattivi intiżi biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li niltaqgħu magħhom.

Il-Ministeru qed jaħdem bla heda biex jagħti l-attenzjoni u l-għajnuna meħtieġa lill-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin. Qed jaħdem ukoll biex jgħin ukoll lis-sajjieda u lil dawk li jaħdmu bis-sħiħ għall-benefiċċji tal-annimali.

L-għanijiet tagħna ma kinux jintlaħqu mingħajr l-enerġija u r-riżorsi provduti mill-gvern, mingħajr il-koperazzjoni ta' ministeri u dipartimenti oħra biex hekk bħala tim naslu biex inwettqu dawn l-għanijiet li qabel kienu biss ħolma.

Ħriġna b'ħafna skemi li kienu ta' għajnuna kemm lill-bdiewa kif ukoll lis-sajjieda. L-istess fejn jidħol il-qasam tad-drittijiet tal-annimali. Wettaqna ħafna xogħlijiet b'impenn sabiex niffaċilitaw il-ħajja ta' dawk il-bdiewa u s-sajjieda. Ġew imwettqa diversi proġetti infrastrutturali bħall-faċilità tal-ħatt tal-ħut f'Marsaxlokk, u kif ukoll ġew diskussi diversi suġġetti dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali agrikola. Apparti minn hekk ġew imnedija diversi servizzi offruti mill-Ministeru billi evalwajna sew kif nistgħu ngħinu u nħajru lill-bdiewa żgħażagħ jidħlu fis-settur tal-biedja bis-saħħa tat-teknoloġija. Barra minn hekk rajna wkoll id-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom biex insibu soluzzjonijiet vijabbli u sostenibbli.

F'dan ir-rigward ma nistax ma nsemmix il-ħidma fir-riforma tal-pitkalija kif ukoll l-immodernizzar tal-biċċerija, li mhux biss jolqot lill-istakeholders involuti, iżda finalment lill-konsumatur.

Il-pandemija tal-Covid-19 sarmet lil kulħadd. Kienet sfida għalina li ma jiġrilniex bħalma ġralhom pajjiżi oħra fl-Ewropa bħad-Danimarka u l-Ġermanja li kellhom jagħlqu l-biċċeriji ewlenin tagħhom. Bir-rieda tajba ta' kulħadd żammejna kontroll impekkabbli u l-provista baqgħet għaddejja mingħajr interruzzjoni.

Dan huwa Gvern li juri biċ-ċar kemm iħoss il-polz ta' kull wieħed u waħda minna. Aħna Gvern li rridu progress f'kull settur ħalli l-ekonomija titjieb u tissaħħaħ minn sena għall-oħra. Gvern li ma jibżax mill-isfidi li jsib ma' wiċċu. Din hija l-politika pożittiva li rridu nittrasmettu lill-poplu Malti u Għawdxi.

Ma nistax ma nsemmix l-għajnuniet finanzjarji biex jitwettqu proġetti fit-toroq rurali għal titjib fl-aċċess tat-toroq Maltin u Għawdxin b'baġit ta' madwar 17-il Miljun Ewro. Fosthom hemm il-proġett tal-AGRIHUB fl-Għammieri b'investiment ta' 'l fuq minn 2 Miljun Ewro b'fondi ġejjin mill-Pjan għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020 u għajnuniet oħra ta' madwar 5.3 Miljun Ewro lill-bdiewa u lill-proċessuri taħt il-Miżura 4.2 li hija finanzjata mill-Fondi tal-EU u tal-Gvern Malti.

Proġett ieħor b'investiment kbir huwa dak tar-riċerka dwar il-ħut madwar il-Gżejjer Maltin (MEDITS). Qed isiru diversi programmi ta' finanzjament fejn il-Kunsilli Lokali li kwalifikaw għall-Iskema LC Care ġew provduti 'l fuq minn €170,000 hekk kif jitlestew il-proġetti tal-2019.

Aħna diġà bdejna nippreparaw skemi ta' għajnuna li se jkopru l-perjodu 2021-2026.

Il-kultura kienet dejjem xi ħaġa li tqanqalni u b'attivitajiet tradizzjonali bħal dik tat-tberik tad-dgħajjes u l-bastimenti f'Marsaxlokk u t-tnedija ta' "Żejt iż-Żejtun" inkompli nikkonferma kemm is-setturi li jaqgħu taħti huma s-setturi li, apparti qed joffru servizz għas-soċjetà, qed ikomplu jqajmu interess fil-kultura tradizzjonali tagħna. Tajjeb insemmi l-konferenza diġitali għall-Jum Dinji tal-Annimali kif ukoll għall-ewwel darba t-tnedija tas-Sena Internazzjonali tas-Saħħa tal-Pjanti 2020 f'Malta.

Is-sena 2020 għandha tifsira sabiħa ħafna għalija. Ninsab kuntent u sodisfatt b'dak kollu li twettaq u jalla jkollna sena aħjar għall-2021.

Nixtieq nawgura lilkom ilkoll sena mimlija suċċessi, saħħa, hena u paċi minn qalbi.

Tislijiet,

*Anton Refalo*

# Għajnuna għall-Bdiewa
## Minħabba l-COVID-19

Kitba ta'
**NICOLE GALEA**
*ARPA Trainee*



**Nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ottubru 2020, bħala parti mill-Pjan ta' Riġenerazzjoni Ekonomika tal-Gvern, il-Ministru tal-Ekonomija l-Onorevoli Silvio Schembri, flimkien mal-Ministru għall-Agrikoltura l-Onorevoli Anton Refalo, ħabbru baġit ta' 4 miljun ewro minn fondi nazzjonali ddedikati sabiex jagħtu assistenza lill-bdiewa u r-raħħala lokali biex jegħlbu l-isfidi maħluqa mill-pandemija.**

Minn dawn, 'il fuq minn 4800 bidwi tal-ħelejjel se jibbenefikaw minn skema ta' sussidju dirett ta' 1.5 miljun ewro. F'din il-ħarġa ta' *Nisġet Artna* se nagħtu ħarsa aktar dettaljata lejn din l-iskema.

It-tifqigħa tal-COVID-19 hija emerġenza serja tas-saħħa pubblika għaċ-ċittadini u s-soċjetajiet madwar id-dinja, u xokk kbir għall-ekonomiji globali u tal-Unjoni f'għadd kbir ta' setturi, fosthom is-settur tal-agrikoltura. L-agrikoltura Maltija hija kkaratterizzata minn produzzjoni kostanti matul is-sena, li tilħaq il-quċċata tagħha matul ir-rebbiegħa. Għaldaqstant, matul dan il-perjodu wieħed jista' jsib ammonti kbar ta' prodotti lesti biex jinħasdu u biex jiġu fornuti lis-suq lokali li huwa xprunat mill-konsum lokali u msaħħaħ bit-turiżmu u l-avvenimenti tal-massa. Il-pandemija wasslet għall-għeluq tal-catering barra mid-dar, għall-projbizzjoni ta' laqgħat pubbliċi u l-waqfien tal-industrija tat-turiżmu, fatturi li influwenzaw id-domanda u affettwaw serjament ir-riżorsi finanzjarji, il-ħin u l-isforzi tal-bdiewa. B'hekk il-Gvern ħa d-deċiżjoni li jipprovdi għajnuna finanzjarja lil dawk kollha affettwati sabiex jittaffew ftit l-effetti negattivi tal-pandemija.

Din l-għajnuna tapplika għal bdiewa tar-raba' li għandhom azjendi agrikoli rreġistrati mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), u attivi fis-setturi li ġejjin:

- Tkabbir ta' għelejjel perenni u dawk mhux perenni;
- Propagazzjoni tal-pjanti;
- Attivitajiet ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-għelejjel.

Barra minn hekk il-benefiċjarji jridu jkunu bdiewa attivi li għandhom azjendi ta' daqs ta' 0.3 ettaru jew aktar, u jridu jkunu bbenefikaw mill-pagament taħt l-Iskema ta' Pagament Bażiku għas-sena tat-talba 2019.

Jekk inti bidwi affettwat mill-impatt li ħalliet din il-pandemija, u tixtieq tibbenefika minn din l-għajnuna tista' ssib aktar informazzjoni dwar dawn il-fondi fil-fuljett li ntbagħat lill-bdiewa eliġibbli kollha u li jinkludi wkoll dikjarazzjoni mehmuża li trid tiġi mimlija u ffirmata u mibgħuta lill-Aġenzija sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2020.

Barra minn hekk wieħed jista' wkoll iżur jew iċempel lill-Front Office fuq 22 92 61 48 (Malta) jew 22 15 69 74 (Għawdex), jew jibgħat email lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fuq arpa.mafa@gov.mt.



# Baġit ta' Madwar 17-il Miljun Ewro f'Għajnuna Finanzjarja

**Il-miżura 4.3 taqa' taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020 u tiffinanzja investimenti fl-infrastruttura. Għaldaqstant permezz ta' din il-miżura allura setgħet tingħata għajnuna finanzjarja biex jitwettqu toroq rurali għat-titjib fl-aċċess tat-toroq għall-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin.**



Il-baġit allokat taħt din il-miżura huwa ta' madwar 17-il miljun ewro fejn dawn tqassmu f'għotjiet lill-Infrastruttura Malta u lill-Kunsilli Lokali. Il-proġetti li qed iwettqu jkopru t-titjib ta' 195 triq rurali f'Malta u f'Għawdex.

Il-Ministru Refalo qal li permezz ta' din il-miżura stajna nkomplu nibnu fuq il-progress li sar fil-passat sabiex numru ta' toroq li jagħtu aċċess għal diversi għelieqi f'Malta u f'Għawdex jerġgħu jinbnew jew jiġu rranġati skont il-bżonn.

Il-proġett tal-Kunsill Lokali ta' Kerċem kien wieħed mill-benefiċjarji ta' għajnuna pprovduta minn din il-miżura, fejn ibbenefika minn għotja ta' aktar minn €300,000 sabiex seta' jitwettaq il-proġett fi Triq l-Għadira ġewwa Kerċem stess. Saru wkoll l-interventi neċessarji għal titjib fl-aċċess f'din it-triq minħabba l-attività agrikola tal-bdiewa u tar-raħħala. Barra minn hekk, il-proġett kien jinkludi sistema għall-ġbir tal-ilma tat-triq, sabiex flok jinħela l-ilma li jinġabar ikun jista' jintuża mill-bdiewa għall-attivitajiet agrikoli tagħhom.



Peress li l-baġit għal din il-miżura taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020 ġie allokat kollu, din il-miżura ngħalqet mill-Awtorità tal-Ġestjoni u mhux se jinfetħu sejħiet oħra għall-applikazzjoni.

Madankollu, il-Gvern għaddej b'ħidma kontinwa sabiex jiġu ppreparati l-iskemi ta' għajnuna li se jkopru l-perjodu 2021-2027 bil-għan li jintervjeni fejn hemm l-aktar bżonn sabiex tissaħħaħ is-sostennibbiltà tas-settur agrikolu u jkompli jappoġġja kemm jista' lill-bdiewa u r-raħħala ġewwa pajjiżna.

Għal aktar informazzjoni dwar dawn il-miżuri jew miżuri oħra ffinanzjati mill-Fondi tal-UE, jista' jsir kuntatt mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) billi tintbagħat email fuq **arpa.mafa@gov.mt**. Wieħed jista' jċempel ukoll fuq **22 92 61 48**.



# Riċerka Dwar il-Ħut Madwar il-Gżejjer Maltin

## Mediterranean International Trawl Survey (MEDITS)

Kitba ta'
**FISHERIES RESEARCH UNIT**




PHOTO : DOI - Jason Borg

Il-Fisheries Research Unit (FRU) fi ħdan id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura preżentement għaddej b'diversi proġetti ta' riċerka dwar diversi speċi ta' ħut li jinsabu fl-ibħra madwar il-Gżejjer Maltin. Dan sabiex tingħabar data dettaljata biex wieħed jifhem aħjar is-sostennibbiltà tal-istokkijiet diversi li għandna fil-Mediterran. Tul ix-xahar ta' Awwissu, it-tim tal-FRU implimenta l-proġett MEDITS – International Bottom Trawl Survey in the Mediterranean. Il-Ministru Anton Refalo attenda l-ftuħ tal-MEDITS fejn hu tenna l-importanza tar-riċerka sabiex wieħed jifhem aħjar il-bżonnijiet tas-settur tas-sajd ħalli l-politika ta' dan is-settur tkun mibnija fuq evidenza xjentifika.

Waqt dan is-survey, ix-xjentisti abbord id-dgħajsa tar-riċerka għamlu ħamsa u erbgħin kalata fl-ibħra ta' madwar Malta ġewwa GSA15 (Geographical Sub Area), li tinsab fl-Istrett ta' Sqallija, sabiex jiġbor informazzjoni dwar il-bijodiversità ta' qiegħ il-baħar, li jinkludi diversi speċi ta' ħut u organiżmi oħra demersali u tal-qiegħ. Fuq il-bastiment ikun hemm preżenti erba' uffiċjali xjentifiċi mill-FRU u l-membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment li jkun ikkommissjonat biex jagħmel dan ix-xogħol. Sabiex dan is-survey ikun jista' jseħħ, tintuża xibka (GOC73) li għandha speċifikazzjonijiet apposta għall-MEDITS. Dan l-istudju li jifforma parti mill-obbligi tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura li jaqa' taħt id-Data Collection Regulation (EU) 2017/1004 u EC No 2016/1251, huwa parti mir-riċerka li ssir mill-pajjiżi ta' madwar il-Mediterran kollu. F'Malta, dan is-survey ilu jsir





PHOTO : DOI - Jason Borg

għal dawn l-aħħar sbatax-il sena.

Ix-xogħol li jsir abbord jikkonsisti mit-tqassim ta' ħut, ċefalopodi, krostaċi, elasmobranki, u organiżmi oħrajn. Skont l-ispeċi, tittieħed id-data bijometrika fuq il-bastiment; il-bqija tal-kampjuni li jinqabdu jittieħdu lura lejn il-laboratorju biex issir analiżi aktar dettaljata. Il-kampjuni ta' dan is-survey jinqasmu bejn target species u non-target species. Id-data tat-target species tikkonsisti mit-tip ta' speċi, mit-tul, mill-piż, mis-sess u mill-maturità tal-ħuta, filwaqt li d-data tan-non-target species tikkonsisti mill-għadd totali u mill-piż totali ta' dik l-ispeċi. Meta l-qabda ta' speċi partikolari tkun wisq abbundanti, huwa raġonevoli li jittieħed sottokampjun rappreżentattiv tal-qabda. Il-maturità sesswali tal-kampjun hija definita bl-użu ta' skali ta' maturità għal kull grupp ta' organiżmi. Jekk jagħti l-każ illi jinqabad kampjun ħaj ta' xi speċi rari, it-tim xjentifiku jagħmel sforz biex jiksbu d-data dwar it-tul, il-piż u s-sess kemm jista' jkun malajr. Dan isir sabiex il-kampjun ikun jista' jerġa' jitpoġġa lura fil-baħar bl-inqas ħsara sabiex l-istess speċi tibqa' ħajja.

Il-kalati jvarjaw skont il-fond taż-żona tar-riċerka; fuq fondal baxx il-kalata tieħu 30 minuta, filwaqt li kalati li jsiru fil-fond jieħdu siegħa. Tiġi studjata wkoll it-temperatura tas-selezzjonijiet u postijiet diversi u speċifiċi. Ta' min wieħed jgħid li waqt dawn il-kalati mhux ħut biss jinqabad iżda wkoll skart antropoġeniku. Dan l-iskart li jinqabad abbord jintiżen u jiġi kklassifikat skont il-materjal tiegħu.

Bħala parti mill-obbligi taħt il-qafas tal-ġbir tad-data, id-data bijometrika li tinġabar minn dan is-survey tiġi sottomessa lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea permezz tas-Sejħa tad-Data tal-Baħar Mediterran u tal-Baħar Iswed. Permezz ta' data vasta li tinġabar minn dan is-survey, l-FRU ser ikun qed jippubblika numru ta' rapporti, kif ukoll studji xjentifiċi bil-għan li jitjieb is-settur tas-sajd. Id-data li tinġabar tiġi użata wkoll minn diversi entitajiet u istituzzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jagħmlu r-riċerka tagħhom ukoll. Dawn ir-rapporti u l-istudji xjentifiċi jkunu jistgħu jagħtu stampa aktar ċara tal-istat tal-ħut demersali fl-ibħra territorjali Maltin. Għaldaqstant, permezz ta' din ir-riċerka, il-Gvern ser ikollu f'idejh l-evidenza xjentifika neċessarja sabiex jinforma l-policy fuq livell nazzjonali, u kif ukoll fuq livell reġjonali.





# Il-Malta Rabbit Club

## Għaqda Volontarja sa mill-1963

Kitba ta'
ALICE ANNE STEER U SHARON SCERRI
*Membri tal-Kumitat fil-kariga ta' Viċi President u PRO*

Il-klabb, bl-isem uffiċjali "The Malta Rabbit Club", twaqqaf fis-sena 1963 mis-Sur Joe Debattista. Mill-bidu nett, il-klabb, illum NGO, twaqqaf biex jgħin lill-kultivaturi tal-fniek, fejn dak iż-żmien il-fniek kienu jitkabbru għall-ikel. Il-klabb kiber maż-żmien, żdiedu l-membri u bdejna naraw żieda fid-domanda għall-fniek domestiċi, dawk magħrufa bħala pet rabbits. Kien propju hawn meta l-klabb ħass il-ħtieġa li jibda jindirizza din id-domanda. Fis-sena 2016, qabad rotta oħra dik li jsostni membri li jrabbu l-fniek domestiċi. Ilum il-klabb iħaddan 'il fuq minn 1400 membru attiv u mhux inqas minn 160 membru żgħir (junior members). Ta' min isemmi li x-xogħol kollu li jsir mill-membri tal-kumitat u mill-membri, isir kollu fuq bażi volontarja.

Nemmnu ħafna fl-edukazzjoni, allura bil-ħiliet u bit-tagħrif kollu li writna, grazzi għal dawk li qabilna kienu involuti, kif ukoll mill-kitbiet interessanti u informattivi li l-Eks President is-Sur Joe Gauci Maistre ħallielna, qegħdin ngħaddu dak kollu li nafu lill-ġenerazzjoni futura. Fost it-tagħlim li noffru, hemm dak kollu li għandu x'jaqsam mal-aħjar żamma u ambjent tal-fniek kif ukoll informazzjoni dwar id-dieta tagħhom. Huwa unur għalina li nsemmu li dan kollu noffruh permezz tal-paġna ta' Facebook, permezz ta' żjarat li nkunu mistiedna jew mitluba norganizzaw fl-iskejjel, f'ċentri varji u anke b'mod privat, fid-djar. Norganizzaw ukoll laqgħat għall-membri fejn anke nistiednu bosta kollaboraturi esperti f'oqsma varji li b'xi mod joffru servizz li jista' jkun relatat mal-fniek. Bi ħġarna qed nistennew li jkollna s-sit elettroniku, li bħalissa qed jiġi żviluppat; proġett li ġie offrut lilna bħala sponsorship.

Madwar tliet snin ilu, permezz ta' ftehim mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-klabb daħal fi ftehim sabiex jgħin ukoll studenti f'kulleġġi tal-Agribusiness. Is-servizz volontarju tagħna jvarja bejn tagħlim prattiku u kif ukoll informazzjoni oħra dwar it-trobbija u l-kura tal-fniek domestiċi.

Kellna interess qawwi għat-tagħlim u b'hekk il-klabb iddeċieda li kull sena jibda jiċċelebra l-Jum Internazzjonali tal-Fenek fejn il-pubbliku jiġi mgħarraf dwar il-kura u t-trobbija tal-fniek domestiċi. Din l-attività ddaħħlet f'Malta minn dan il-klabb stess. Fil-fatt din is-sena fis-26 ta' Settembru ġiet iċċelebrata l-ħames edizzjoni. Il-Jum Internazzjonali tal-Fenek jiġi ċċelebrat fl-aħħar Sibt jew Ħadd ta' Settembru u kull sena jingħata premju mistħoqq lil dik il-persuna magħżula mill-membri tal-kumitat, li tkun ilha żmien twil ta' sapport lejn il-klabb jew li fi ftit żmien tkun tat ħafna għajnuna lill-klabb b'mod partikolari fis-sena kurrenti. Kien propju l-Ministru tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, l-Onorevoli Anton Refalo li din is-sena feraħ lill-klabb u lill-kumitat għax-xogħol kollu li sar f'dawn l-aħħar 57 sena; xogħol ta' volontarjat b'dedikazzjoni u sodisfazzjon personali. Barra minn hekk, l-Onorevoli Ministru, awgura wkoll aktar suċċess fit-tkabbir tax-xogħol volontarju li qed isir.

Kull min hu mħajjar jingħaqad mal-klabb bħala membru jew anke bħala volontier mal-kbar kif ukoll maż-żgħar, hu mħeġġeġ jikkuntattja lill-klabb b'email fuq **maltarabbitclub1963@gmail.com** jew billi jibgħat messaġġ privat fuq il-paġna ta' Facebook The Malta Rabbit Club - Since 1963. Wieħed isibna wkoll fuq Instagram **themaltarabbitclub**.

Membri tal-Malta Rabbit Club



Recognition Award








# It-Tberik tad-Dgħajjes u tal-Bastimenti

**L-istaġun tal-lampuki jibda fil-15 t'Awwissu u jibqa' għaddej sal-aħħar tas-sena. F'dak il-perjodu d-dgħajjes u l-bastimenti jkunu mgħobbija bil-kannizzati kif ukoll bil-ġebel, bil-palm u biċ-ċimi sabiex flimkien joħorġu 'l barra u jsorġu ċ-ċimi skont il-pożizzjonijiet li ġew provduti lilhom mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.**

It-tradizzjonijiet Maltin kollha huma marbutin kemm mal-kultura u mal-identità tagħna, u kif ukoll mal-mod ta' kif ngħixu l-ħajja.

Dan is-Sajf il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo kompla din it-tradizzjoni bħall-Ministri ta' qablu billi għamel żjara fil-pjazza pittoreska ta' Marsaxlokk, attenda għall-quddiesa, fejn wara saret iċ-ċelebrazzjoni tradizzjonali tat-tberik tad-dgħajjes u l-bastimenti sabiex iġġib ir-risq lis-sajjieda biex ikollhom staġun tajjeb fil-qabda tal-lampuki. Il-quddiesa u ċ-ċelebrazzjoni kienu mmexxija mill-Arċipriet ta' Marsaxlokk Dun Luke Seguna. Is-sinifikat wara din iċ-ċerimonja, apparti t-tradizzjoni u t-talb, joħroġ ukoll il-messaġġ ta' kemm għandna napprezzaw aktar il-ħidma tas-sajjieda biex fl-aħħar mill-aħħar il-mara tad-dar u l-imprendituri li għandhom ir-ristoranti jkunu qed jistennew ix-xahar t'Awwissu biex iduqu u jservu l-lampuki għall-ewwel darba.

Tajjeb insemmu li l-Gvern din is-sena pprovda 'l fuq minn 15,000 weraq tal-palm għas-sajjieda tal-lampuki li ġew imqassma b'xejn bħala għajnuna lis-sajjieda tal-lampuki.

F'Malta u Għawdex din is-sena kien hawn 122 sajjied irreġistrat għas-sajda tal-lampuki.



# Is-Settur taż-Żejt taż-Żebbuġa f'Malta

Kitba ta'
**MARK GRECH**
*Uffiċjal Agrikolu*

Id-Direttorat tal-Agrikoltura jqis is-settur taż-żejt taż-żebbuġa bħala wieħed mill-eqdem oqsma tal-biedja f'Malta. Madanakollu, dan hu settur li hemm lok tajjeb fejn jikber minħabba li l-klima Mediterranja tagħna hi l-klima favorita ta' din is-siġra ferm sabiħa u peress li hawn domanda kbira għal dan il-prodott bnin.

F'Malta hawn diversi varjetajiet ta' siġar taż-żebbuġ li jiġu mkabbra għall-għasir. Uħud minn dawn huma l-Frantoio, iċ-Cipressino, il-Pendolino, il-Leccino, Tal-Bidni, l-Ogliarola, il-Biancolilla, l-Ottobratica, in-Nolca u l-Pasola. Hawn varjetajiet oħrajn li apparti li jintgħasru għaż-żejt, jistgħu wkoll jintużaw bħala żebbuġ tal-mejda. Ftit minn dawn il-varjetajiet huma l-Carolea,



Siġra taż-żebbuġ matura



Masġar b'siġar taż-żebbuġ stabbiliti ta' madwar 15-il sena

in-Nocellara, il-Messinese, il-Coratina, il-Picholine, il-Manzanilla, in-Nocellara del Belice u l-Kalamata, kif ukoll il-varjetà lokali Ta' San Blas.

Id-Direttorat tal-Agrikoltura għandu diversi rwoli apparti r-regolarizzazzjoni tas-settur. Fost l-oħrajn, id-Direttorat għandu l-obbligu li:

- jżomm aġġornat ir-reġistru tal-għelieqi u l-bdiewa taż-żebbuġ;
- jirregola l-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa;
- jara li hemm konformità mar-regolamenti kkonċernati;
- jżomm reġistru tal-għassara taż-żejt taż-żebbuġa partikolarment dawk fil-pussess tal-Liċenzja maħruġa mid-Direttorat tal-Agrikoltura, wara li dawn ikunu approvati mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

Mill-informazzjoni miġbura mid-Direttorat tal-Agrikoltura, il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa fis-sena 2018, tixhed li l-ammont ta' art li tintuża mill-bdiewa għall-produzzjoni taż-żebbuġ hi ta' madwar 580 tomna li jinkludu 40,600 siġar taż-żebbuġ. L-informazzjoni preżenti turi li t-total ta' raba' kkultivat għall-produzzjoni taż-żebbuġ żied għal 628 tomna li jinkludu b'51,000 siġra taż-żebbuġ. Il-bdiewa rreġistrati li jkabbru s-siġar taż-żebbuġ żdiedu wkoll għal total ta' 625. Dan juri żieda kostanti fl-ammont ta' siġar taż-żebbuġ li qegħdin jiġu mħawla għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.

Tul dawn l-aħħar snin żdied ukoll in-numru tal-għassara taż-żejt. Din is-sena, inħarġu disa' liċenzji lill-għassara taż-żebbuġ. Mid-dikjarazzjoni tal-produzzjoni annwali taż-żejt taż-żebbuġa hekk kif miġbura mingħand l-għassara approvati mid-Direttorat tal-Agrikoltura, insibu li fis-sena preċedenti, id-Direttorat tal-Agrikoltura jistma li ntgħasru mal-575,000 kilo ta' żebbuġ li minnhom inħarġu madwar 66,000 litru ta' żejt taż-żebbuġa.

Dawn ir-riżultati inkoraġġanti ma jistgħux jiġu milħuqa mingħajr il-koperazzjoni tal-bdiewa u tal-għassara. Din il-koperazzjoni wasslet sabiex id-Direttorat tal-Agrikoltura jkun jista' jissalvagwardja t-traċċabilità tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u jsaħħaħ dan is-settur sabiex dan il-prodott lokali jkompli jkun l-għażla naturali tal-konsumatur Malti.



Żebbuġ misjur lest għall-qtugħ u għall-għasir

# It-Tnedija tas-Sena Internazzjonali tas-Saħħa tal-Pjanti 2020 f'Malta






Għall-ewwel darba fl-istorja ġiet proklamata sena dedikata għas-saħħa tal-pjanti mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ġewwa New York. Dan sar biex jiżdied l-għarfien fost il-pubbliku ġenerali, fost dawk involuti fl-ippjanar tal-politika u fost partijiet oħra kkonċernati dwar l-importanza tas-saħħa tal-pjanti u l-bżonn li jiġu protetti. Dan sar ukoll bl-għan li jintlaħqu l-miri tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo ħabbar din it-tnedija tas-Sena Internazzjonali tas-Saħħa tal-Pjanti 2020 f'Malta, magħrufa bħala l-International Year of Plant Health 2020 (IYPH 2020) waqt konferenza fl-14 ta' Ottubru.

Illum il-ġurnata, sa 40% tal-ikel madwar id-dinja jintilef ta' kull sena minħabba mard tal-pjanti. F'termini ekonomiċi, il-mard tal-pjanti waħidhom iwasslu għal telf ta' madwar 220 biljun dollaru fis-sena fi prodotti agrikoli. B'effett ta' dan jitħallew miljuni ta' nies mingħajr ikel biżżejjed u jikkawża ħsara serja lis-settur agrikolu dinji. Is-saħħa tal-pjanti hi kontinwament taħt theddida mit-tibdil fil-klima, mill-attivitajiet tal-bniedem u miż-żieda tal-kummerċ madwar id-dinja.




Fuq livell internazzjonali l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti stiednet lill-Organizzazzjoni tal-Ikel u tal-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), flimkien mas-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC), biex iservu bħala l-aġenzija prinċipali għall-IYPH 2020 u jaħdmu għas-suċċess tagħha.

Il-Ministru Refalo qal li huwa ta' unur għall-Ministeru li jkun parti mill-IYPH 2020 b'mod attiv billi jieħu l-opportunità biex ikompli jtejjeb u jżid l-għarfien dwar l-importanza tas-saħħa tal-pjanti u s-settur fitosanitarju fuq livelli differenti kemm mal-pubbliku ġenerali kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati tas-settur.




Minħabba l-effett tal-pandemija tal-COVID-19 u li kien hemm attivitajiet ippjanati fuq livell internazzjonali ttieħdet deċiżjoni li din is-sena tiġi estiża sa nofs is-sena 2021.

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti huwa l-entità nazzjonali responsabbli mill-protezzjoni tal-pjanti minn mard ta' impatt ekonomiku, kulturali u soċjali b'effett dirett fuq l-ambjent u l-agrikoltura ta' Malta. Mill-bidu nett id-Direttorat għaraf l-importanza u ta l-appoġġ mistħoqq.

Matul din it-tnedija tal-IYPH 2020 ġiet organizzata wkoll sessjoni ta' ħidma dwar ix-xogħol tad-Direttorat, ir-rwol tal-IPPC, ir-Regolamenti l-ġodda tas-settur fitosanitarju u l-kontrolli uffiċjali u dwar liema huwa dak il-mard tal-pjanti li fuqhom hemm attenzjoni diretta minħabba l-effetti agrikoli ambjentali u ekonomiċi fost l-oħrajn li jista' jkollu fuq Malta.

# L-Użu tal-Antibijotiċi fl-Annimali

Kitba ta'
STEPHEN SPITERI
*Spiżjar Prinċipali Anzjan*
*Laboratorju Veterinarju Nazzjonali*
*Dipartiment għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali*

## X'inhi r-reżistenza għall-antibijotiċi (antibiotic resistance)?

Qed jiġri li l-bnedmin u l-annimali qed idumu iżjed biex ifiqu minn infezzjonijiet minkejja l-użu tal-antibijotiċi. Għaldaqstant qed ikollhom jintużaw dożi dejjem akbar ta' antibijotiċi u li xi drabi xorta ma jaħdmux sew.

Batterji li s-soltu jmutu bl-effett tal-antibijotiċi qed jibqgħu ħajjin. Din ir-reżistenza fil-batterji, għall-effett tal-antibijotiċi ma tiħux ħafna żmien biex tiżviluppa. Il-batterji jirriproduċu bil-miljuni f'temp ta' ftit żmien u jaddattaw malajr (jiem jew ġimgħat). Il-batterji reżistenti jistgħu jiżviluppaw biss f'ġisem wieħed ta' fl-ambjent, fl-iġsma tal-bnedmin u tal-annimali.

Din qed toħloq problemi kbar fejn saħansitra operazzjonijiet sempliċi kapaċi jkunu ta' riskju kbir.

## Minn fejn tiġi r-reżistenza għall-antibijotiċi?

Għalkemm ir-reżistenza għall-antibijotiċi hija fenomenu li jiġri b'mod naturali, dan jista' jiżdied bi prattiċi ħżiena waqt it-trobbija tal-annimali bħala pets għall-ikel jew, għall-isport (tiġrijiet tal-ħamiem jew taż-żwiemel).

## X'inhuma l-fatturi li jinkoraġġixxu reżistenza għall-antibijotiċi?

Ħuma ħafna l-fatturi li jinkoraġġixxu reżistenza għall-antibijotiċi. Il-fatturi msemmija hawn isfel huma studjati sew u xjentifikament pruvati li jinkoraġġixxu reżistenza għall-antibijotiċi::

1. bl-użu bla bżonn tal-antibijotiċi.
2. bl-użu mhux skont il-kwantitajiet neċessarji (inqas jew iżjed milli suppost).
3. bl-użu fuq annimali mhux indikati mill-prodott.
4. bl-użu preventiv biex ipatti għal mard ikkawżat minn problemi li jistgħu jiġu solvuti, pereżempju nuqqas ta' ndafa u ventilazzjoni, u sħanat.
5. bit-tixrid tal-antibijotiċi fl-ambjent, anke permezz tal-ħmieġ tal-annimali li jkollu ġo fih fdaljiet tal-antibijotiċi. Dan jgħodd ukoll għal annimali bħall-ħamiem tat-tiġrija li jtir saħansitra lil hinn minn xtutna u jiġi espost għal ambjent differenti u li jista' jxerred il-ħmieġ tiegħu kull fejn imur.
6. bil-kontaminazzjoni mill-batterji reżistenti tal-prodotti tal-ikel ġejjin mill-annimali waqt il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-konsum tal-ikel.
7. bin-nuqqas ta' ndafa, speċjalment f'ambjenti fejn huwa komuni li ssib diversi tipi ta' batterji li jitħalltu flimkien, bħal irziezet, lofts tal-ħamiem sptarijiet u kliniċi tal-bnedmin u annimali.
8. bir-rimi mhux kif suppost ta' antibijotiċi mhux użati jew skaduti.

L-antibijotiċi huma għodod importanti li għandna nibżgħu għalihom u nużawhom mill-inqas u meta suppost biss.

## X'inhu l-mekkaniżmu tar-reżistenza għall-antibijotiċi?

Bi prattiċi ħżiena msemmija hawn fuq, batterji li huma b'mod naturali reżistenti għall-antibijotiċi qegħdin jitkattru, jinfirxu u jgħaddu din ir-reżistenza lil ħafna batterji oħra. Dawn jgħaddu din ir-reżistenza permezz ta' proċessi ġenetiċi meta jitħalltu bejniethom

Jista' jiġri li batterji reżistenti li jaffettwaw l-imsaren tal-baqra jgħaddu r-reżistenza lill-batterji li jattakkaw il-kliewi tal-bniedem.

## X'qed tagħmel id-dinja biex tnaqqas dil-problema?

Din hija problema dinjija għax il-batterji m'għandhomx


Tiġieġ tas-simna

fruntieri. Kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea fassal strateġija u pjan ta' azzjoni għal tnaqqis fir-reżistenza għall-antibijotiċi. Dan tfassal bħala pjan wieħed komuni għas-saħħa tal- bnedmin, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ambjent, hekk imsejjaħ One-Health.

Anke f'Malta l-Gvern ħaseb biex ifassal dan il-pjan strateġiku kontra r-reżistenza għall-antibijotiċi. Għaldaqstant il-Ministeru tas-Saħħa u l-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali qed jaħdmu flimkien biex iwettqu dan il-pjan maqbul bejniethom.

Tant huwa importanti dan is-suġġett li issa anke qiegħed fuq l-aġenda tal-Nazzjonijiet Uniti ħalli jingħata l-attenzjoni li jixraqlu mill-gvernijiet tad-dinja.

Regolament (EU) 2019/6 dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji se jiġi fis-seħħ fit-28 ta' Jannar tal-2022. Dan jagħti ħafna importanza lil dan is-suġġett u hemm imsemmija fih għadd ta' miżuri biex jitnaqqas l-użu ħażin tal-antibijotiċi.

Anke f'Malta hemm ħsieb li jissaħħu l-miżuri relatati mal-kontroll tal-użu tal-antibijotiċi li jinkludi wkoll tibdil leġiżlattiv.

## X'tista' tagħmel int biex tnaqqas ir-reżistenza għall-antibijotiċi li tiġi mill-annimali?

1. Uża prodotti li mhumiex mediċinali, bħal pro-biotics u pre-biotics. Dawn isaħħu l-ġisem tal-annimal u jżidu r-reżistenza tagħhom għall-mard billi jkattru l-batterji tajba fl-intern tal-annimal. Ta' min jgħid li mhux il-batterji kollha huma ħżiena. Fil-fatt bis-saħħa ta' ħafna batterji tajbin ikun hemm ħafna batterji ħżiena li ma jersqux fil-ġisem tal-annimal.
2. Uża l-antibijotiċi biss wara li l-veterinarju tiegħek ikun eżamina l-annimali u kiteb l-antibijotiċi fuq riċetta veterinarja. Ġibhom biss minn stabbilimenti approvati.
3. L-użu ħażin tal-antibijotiċi fl-annimali u fil-bnedmin jaffettwaw lil xulxin. Il-ħlejjaq kollha jgħixu f'ambjent wieħed u f'dinja waħda.

## X'inhuma l-prattiċi tajbin fit-trobbija tal-annimali?

1. Kemm jista' jkun agħmel użu mill-vaċċini. Dawn jgħinu biex l-annimali jkunu jifilħu iżjed għall-mard u hekk jintużaw inqas antibijotiċi. Użahom dejjem skont l-iskeda tagħhom u aħżinhom sew fit-temperatura indikata.
2. Rabbi razez ta' annimali li jkunu addattati għall-klima u l-ambjent ta' Malta kif kienu jagħmlu missirijietna qabel b'tant għaqal.
3. L-annimali għandhom dejjem jingħataw dieta bilanċjata skont l-età jew il-kundizzjoni tagħhom. Għandu jingħata għalf bilanċjat li jinżamm 'il bogħod mill-umdità u l-kontaminazzjoni. L-ikel tal-annimali domestiċi huwa wkoll studjat biex ikun addattat u bilanċjat skont l-età, l-ispeċi ta' annimal u possibbilment skont il-kundizzjoni medika.
4. Iż-żgħar għandhom jinfatmu minn ommhom tard kemm jista' jkun. Il-ħalib tal-omm ikun mimli sustanzi(antibodies) li jipproteġuhom kontra l-mard. Il-wens tal-omm inaqqas l-istress fiż- żgħar. Meta nġibu xi annimali mingħand xi breeder naċċertaw ruħna li nġibuhom fi żmien tajjeb fejn ikunu laħqu ħadu l-ħalib t'ommhom għal żmien kemm jista' jkun twil.
5. L-istess batterji li jattakkaw lill-annimali jistgħu jattakkaw lill-bnedmin. L-użu ħażin tal- antibijotiċi jiffaċilita l-proċess li bih batterji tal-annimali jiġu trasferiti fuq il-bnedmin.
6. L-ambjent li fih jinżammu l-annimali għandu jkun dejjem nadif b'tindif regolari u użu ta' diżinfettanti approvati.
7. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex ma jiddaħħalx mard fl-ambjent fejn jinżammu l-annimali minn sid l-annimal jew anke nies oħra.


Qattus domestiku

Għal iżjed informazzjoni fuq il-pjan stateġiku kontra r-reżistenza għall-antibijotiċi wieħed jista' jidħol fuq il-paġna elettronika **https:/deputyprimeminister.gov.mt/en/nac/Documents/AMR%20Strategy%20Final%20Jul%202020.pdf**

# Id-Direttorat tal-Agrikoltura fil-Front Office

Kitba ta'
**JEFFREY SCIBERRAS**
*Uffiċjal Agrikolu fid-Direttorat tal-Agrikoltura*

Id-Direttorat tal-Agrikoltura jħares lejn diversi oqsma fis-settur agrikolu. Dan jiġbor fih il-vitikultura, l-olikultura, prodotti organiċi, it-titjib tal-prodotti agrikoli u s-suq tagħhom, u l-moniteraġġ tal-obbligi legali fejn jidħlu d-demel u l-fertilizzanti (nitrati). Inħoloq ir-reġistru tar-raba' bis-sistema IACS biex tinġabar statistika dwar dan is-settur u b'hekk jinżamm rendikont, kemm tal-prodotti agrikoli lokali li joriġinaw mill-għelieqi u l-irziezet, u kemm tal-użu tad-demel u tal-fertilizzanti.

L-uffiċċju li jilqa' n-nies biex jirreġistraw ir-raba' huwa magħruf bħala ARPA Front Office u jinsab fl-akkwati tal-Pitkalija, Ta' Qali, f'Ħ'Attard. L-iskop ewlieni tar-reġistru tar-raba' hu li tinġabar statistika nazzjonali fuq kemm hawn raba' tinħadem. Ir-reġistrazzjoni tar-raba' sseħħ fuq dikjarazzjoni tal-bdiewa li qegħdin jaħdmu jew jieħdu ħsieb l-għelieqi. Dan il-proċess legalment ma jirriflettix min hu s-sid tal-għelieqi. F'ċerti perjodi tas-sena tinfetaħ ir-reġistrazzjoni


L-Uffiċċju minn barra

tar-raba' għas-sussidju u l-applikazzjoni għall-miżuri agrikoli biex il-bdiewa jkunu megħjuna finanzjarjament, però dan huwa x-xogħol tal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA). Reġistrazzjoni bla sussidju tista' ssir is-sena kollha, primarjament mad-Direttorat tal-Agrikultura.

Ir-reġistranti l-ġodda dejjem għandhom jippreżentaw il-karta tal-identità u xi forma ta' mappa jew pjanta fejn jistgħu jintgħarfu l-għelieqi. Jekk l-għelieqi mhumiex registrati fuq xi terzi persuni, ir-reġistranti l-ġodda għandhom dritt jiddikjaraw li qegħdin jieħdu ħsiebhom. Waqt it-talba tar-reġistrazzjoni, ir-reġistranti huma mistoqsijin rigward l-użu tal-għelieqi. Wara dan, ir-reġistranti jintalbu jiddikjaraw jekk humiex qed jitfgħu demel u fertilizzant fl-għelieqi. Jekk jitfgħu, huma jiġu ggwidati biex jattendu kors qasir dwar il-liġi tan-nitrati, u biex isegwu l-obbligi tal-liġi, u jingħataw dokumenti li fihom jitniżżlu l-kwantitajiet tan-nitrati li jużaw. Jekk le, jiġu infurmati li ma jistgħux jitfgħu demel u fertilizzant fl-għelieqi għax ikunu qegħdin jiksru d-dikjarazzjoni tagħhom stess. Din id-dikjarazzjoni u l-konfini u l-użu tar-raba' jistgħu jinbidlu kull meta l-bdiewa jiddeċiedu x'se jagħmlu fuq in-nitrati u fuq l-użu tar-raba'. F'każ li l-għelieqi jiġu mmarkati biż-żebbuġ u bid-dwieli, ir-reġistranti huma obbligati jirreġistraw il-kwantitajiet u l-varjetajiet taż-żebbuġ u/jew tad-dwieli. Dan iseħħ biex tinġabar statistika ta' kemm hawn dwieli u siġar taż-żebbuġ fil-Gżejjer Maltin, u jaffettwa d-dikjarazzjonijiet tal-ħsad tal-għeneb u taż-żebbuġ, li jinġabru mid-direttorat għall-ħabta ta' Ottubru għall-għeneb u f'Novembru għaż-żebbuġ. Bħar-reġistru tar-raba', ir-reġistru tad-dwieli u taż-żebbuġ jista' jinbidel is-sena kollha. Kull għalqa tingħata numru speċifiku li jirrifletti l-lokalità u l-pożizzjoni ġeografika fuq is-sistema LPIS. Meta l-għelieqi jiġu rreġistrati, l-uffiċjali jċemplu lir-reġistranti biex jiġbru l-pjanti, jew jintbagħtulhom b'email.

Bis-saħħa tal-protezzjoni tal-informazzjoni, kull forma ta' reġistru tinżamm konfidenzjali. F'kull każ ta' reġistrazzjoni, l-uffiċjal agrikolu għandu d-dmir li jaqdi l-bidwi jew lir-reġistrant mill-bidu tar-reġistrazzjoni sa tmiemha, filwaqt li jrid isegwi l-proċess tagħha sakemm titlesta. Kull applikazzjoni lesta u kull forma ta' dokumentazzjoni relatata mar-reġistrant, jiġu arkivjati fis-sistema tar-reġistrazzjoni tar-raba'.

Għal aktar informazzjoni rrikorru għall-uffiċċju tal-ARPA fil-Pitkalija ta' Ta' Qali jew ċemplu fuq 22 92 61 48 jew 22 92 61 63. Tistgħu wkoll tibagħtu email fuq arpa.mafa@gov.mt.




# L-Agrihub

## Proġett fl-Għammieri

**Il-proġett AGRIHUB ser ikun qiegħed jgħin fit-twettiq tal-viżjoni ta' dan il-Gvern, proġett li jpoġġi lid-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali f'pożizzjoni illi jkun jista' jagħti pariri ta' natura teknika fil-ħin opportun lill-bdiewa u r-raħħala, saħansitra qabel il-bidwi jew raħħal jinduna li jkun hemm bżonn ta' din l-għajnuna.**


Photo: DOI - Pierre Sammut

Dan hu possibbli biss bl-investiment ta' 'l fuq minn żewġ miljuni, liema fondi huma ġejjin mill-Pjan Għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020. Permezz ta' dan l-investiment, id-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali tgħammar b'tagħmir teknoloġiku avvanzat illi jippermetti tinġabar informazzjoni tal-madwar u b'hekk ikun jista' jiġi determinat x'tip ta' infezzjoni ser tkun qiegħda tattakka l-produzzjoni.

Ser jiġu identifikati ż-żoni ta' importanza agrikola f'Malta u Għawdex u dawk jiġu mgħammra b'sensiela ta' sensors sabiex tinġabar din l-informazzjoni, liema informazzjoni tiġi użata sabiex jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet illi jintbagħtu lill-bdiewa direttament.

Bl-imsieħba fil-proġett li huma l-MCAST u s-CIHEAM, il-Gvern irnexxielu jgħaqqadhom flimkien ma' tim ta' esperti li ser ikunu qegħdin jaħdmu id f'id mad-Dipartiment sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'dan il-proġett.

Dan il-proġett ser ikun qiegħed jirrikjedi l-parteċipazzjoni tal-bdiewa għax mingħajr din il-parteċipazzjoni, dan il-proġett ma jkunx jista' jkun ta' suċċess. Il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo ħeġġeġ lill-għaqdiet tal-bdiewa sabiex jinkuraġġixxu kollaborazzjoni tal-bdiewa mal-uffiċjali li ser ikunu qegħdin jaħdmu fuq dan il-proġett.

Permezz ta' dan il-proġett AGRIHUB ser ikun qiegħed jiġi żviluppat f'post apposta – l-Għammieri – fejn il-bdiewa, ir-raħħala u l-istudenti jkunu jistgħu jiġu jippruvaw u jesperjenzaw din it-teknoloġija u prattiċi li jkun qed jiġu rakkomandati.

Il-Ministru Refalo rringrazzja lill-imsieħba u lil kull min ħadem fuq dan il-proġett b'mod speċjali lis-Segretarju Permanenti u l-uffiċjali fi ħdan il-Ministeru, u kif ukoll lill-Managing Authority tas-sapport li tagħtina.


Photo: DOI - Pierre Sammut


Photo: DOI - Pierre Sammut

# L-Attivitajiet fi Ħdan iż-Żona tal-Baħar fit-Tramuntana ta' Malta

Kitba ta'
**MATTHEW LASPINA**
*Assistant Manager (Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura) u Alumnus tal-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija*


Fig 1: Żona ta' Ħarsien Speċjali

Sa tmiem din is-sena (2020), Malta għandha l-obbligu li timmaniġġja numru ta' Żoni ta' Ħarsien Speċjali (Marine Protected Areas) skont il-qafas tan-Natura 2000 u d-Direttiva 2014/89/EU (l-Ippjanar Spazjali Marittimu).

Fid-dawl taż-żieda ta' utenti marittimi fl-ibħra Maltin, speċjalment fiż-Żoni ta' Ħarsien Speċjali, l-ippjanar u l-immaniġġjar huma essenzjali biex dawn iż-żoni jibqgħu sostenibbli. Fl-aħħar sena ta' studji fi ħdan iċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akkwatika u Xjenzi tal-Annimali tal-MCAST, l-awtur iffoka fuq l-effett tal-utenti differenti fuq qiegħ il-baħar fiż-żona tat-Tramuntana (Figura 1). Din iż-Żona ta' Ħarsien Speċjali ntgħażlet peress li jikber 80% tal-*Posidonia oceanica* (Figura 2) u l-biċċa l-kbira tal-ispeċi tal-Maerl (Figura 3) madwar il-Gżejjer Maltin.

Fost l-attivitajiet li jseħħu f'din iż-żona wieħed isemmi attivitajiet tas-sajd kummerċjali u rikreazzjonali, attivitajiet tal-bugħaddasa, u attivitajiet tal-bunkering. Biex wieħed jifhem aħjar id-dinamika ta' dawn l-attivitajiet u l-interazzjoni tagħhom mal-Posidonia oceanica, saret riċerka ma' stakeholders differenti li jinkludu riċerkaturi, NGOs, regolaturi u individwi pubbliċi li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-utenti. Permezz ta' kwestjonarju, dawn l-istakeholders ġew mistoqsija fuq x'jaħsbu rigward l-użu differenti ta' din iż-żona u l-effett ta' dan fuq qiegħ il-baħar.

Id-data nġabret minn kwestjonarju permezz tal-programm ArcGIS, l-informazzjoni ġiet inkorporata f'mapep li wrew l-estenzjoni ta' kunflitti bejn l-utenti differenti li jaħdmu f'dawn iż-żoni. Skont perċezzjonijiet tar-riċerkaturi, NGOs, regolaturi u individwi pubbliċi, l-iktar utenti li għandhom effett fuq qiegħ il-baħar fiż-żona tat-Tramuntana kienu l-ankri minn bastimenti tal-bunkering u l-attivitajiet tas-sajd.

F'dinja ideali, l-attivitajiet tal-ankri minn bastimenti jkunu rilokati 'l barra miż-Żona tal-Ħarsien Speċjali, u dan jgħin biex iż-żona tistrieħ ftit mill-ankri. Idea oħra hi li jsir tip ta' mooring ekoloġiku fejn vapuri jkunu jistgħu jorbtu direttament magħhom mingħajr ma jkollhom bżonn isorġu l-ankri. Jistgħu jsiru wkoll ċerti inizjattivi biex jinġabar armar tas-sajd mitluf jew mormi f'qiegħ il-baħar minn bugħaddasa sabiex titnaqqas il-probabbiltà ta' ghost fishing.

Dan l-istudju sar taħt il-gwida ta' Kimberly Terribile u Dr Alicia Said, letturi fiċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akkwatika u Xjenzi tal-Annimali fi ħdan l-MCAST. Għal iktar informazzjoni dwar dan l-istudju, wieħed jista' jibgħat email fuq matthew.laspina53@gmail.com jew iżur il-librerija tal-MCAST sabiex jaqra iktar fil-fond dwar dan l-istudju.


Fig 2: Posidonia oceanica


Fig 3: Maerl

# Għaqdiet Volontarji Jingħataw €76,893.40 Mill-Gvern

**Il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Dr Anton Refalo f'isem il-Gvern ta sapport finanzjarju lill-Għaxar Għaqdiet Volontarji bi skop li jitjiebu l-benesseri tal-annimali permezz tal-Animal Welfare Fund Grant Support Scheme.**





L-Għaxar Għaqdiet Volontarji bejniethom ingħataw is-somma ta' €76,893.40 bħala rikonoxximent għax-xogħol u l-kontribuzzjoni li qegħdin jagħtu f'dan is-settur speċjalment waqt dan iż-żmien tal-COVID. Dawn jinkludu s-santwarji tal-annimali, organizzazzjonijiet li jippromovu l-għarfien dwar ir-responsabbiltà ta' min irabbi l-annimali, u lill-gruppi li jipprovdu servizzi ta' appoġġ lill-annimali.

L-għan tal-Animal Welfare Fund Grant Support Scheme huwa li jitwettqu proġetti biex jitjieb il-benesseri tal-annimali; tippromovi aktar responsabbiltà tal-annimali u tqajjem kuxjenza dwar dawn ir-responsabbiltajiet tal-benesseri tal-annimali; tassisti fil-progress ta' prattika tajba fl-immaniġġjar tal-annimali, tipprovdi pjattaforma minn fejn tiżviluppa, kif ukoll trawwem koperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, Promozzjoni u Servizzi (AWPSD) fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Ser jissaħħaħ ukoll in-networking fejn jidħol il-ħarsien tal-annimali, il-kwalità fil-kura kif ukoll fuq is-servizzi ta' riabilitazzjoni fil-komunità biex tipprovdi faċilitajiet aħjar għall-annimali.

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali jistabbilixxi oqsma prijoritarji għall-finanzjament kull sena. Dawn l-oqsma ta' prijorità jiġu stabbiliti b'konsultazzjoni mal-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali u jiġu rreklamati bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni.

L-oqsma ta' prijoritajiet għall-għotjiet fl-2020 li huma relatati mas-sitwazzjoni tal-COVID-19 huma: Titjib fis-Santwarji tal-Annimali u servizz ta' kenn li jinkludu refurbishment, faċilitajiet aħjar, provista ta' strutturi ġodda għall-akkomodazzjoni tal-annimali li jgħixu ma' pazjenti bil-COVID 19.

Se jkun hemm kontribuzzjoni għall-ispejjeż speċifiċi, bħal mediċini u ikel għaż-żamma tal-annimali fis-santwarji jew fix-xelters jekk is-sidien tal-annimali domestiċi jkunu l-isptar, u proġetti oħra li jiżguraw il-ħarsien tal-annimali matul il-COVID 19.



# Il-Proġett ta' Konservazzjoni tal-Bużaqq

Kitba ta'
RAY CARUANA
*Uffiċjal tal-Akkwakultura*

**Huwa fatt magħruf li minħabba diversi raġunijiet, il-popolazzjoni tal-Bużaqq fil-Gżejjer Maltin, partikolarment dik tal-Magħluq tal-baħar f'Wied il-Għajn, tinsab mhedda mill-estinzjoni.**

Għaldaqstant, permezz tal-proġett ta' konservazzjoni msejjaħ Killifish Conservation Project, qed isir programm ta' tkattir fil-mafqas ta' San Luċjan bil-għan li l-popolazzjonijiet eżistenti tal-Bużaqq jibqgħu jeżistu u jżommu stabbli. L-imsieħba fil-proġett huma Nature Trust-FEE Malta (NTM), id-Direttorat tal-Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikultura, Sajd u Ħarsien tal-Annimali (MAFA) u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) li taħtha jaqgħu s-siti tan-Natura 2000 u l-ispeċi protetti.

Il-ħsieb li jsir xi tip ta' intervent biex din l-ispeċi ta' ħuta żgħira li tgħix fl-ilma salmastru tiġi mkattra għal skopijiet ta' konservazzjoni kien ilu jberren f'moħħ id-diriġenti tan-NTM u d-Direttorat tal-Akkwakultura (dak iż-żmien magħruf bħala l-Malta Centre for Fisheries Sciences). Għaldaqstant fl-2009, bl-awtorizzazzjoni tal-ERA (dak iż-żmien il-Malta Environment and Planning Authority) kien ingħata bidu għall-proġett pilota fiċ-ċentru tal-akkwakultura ta' San Luċjan sabiex jiġi identifikat il-potenzjal ta' proġett ikbar fil-futur qarib. Għal dan il-għan ingħata permess biex jinqabad numru żgħir ta' Bużaqq mir-riżerva naturali tal-Għadira, peress li din kienet l-iktar popolazzjoni stabbli mill-erba' lokalitajiet li għad fadal f'Malta fejn jgħix il-Bużaqq. Dan l-ewwel grupp ta' Bużaqq beda jservi mhux biss bħala broodstock (ħut għar-riproduzzjoni) biex minnu jitnisslu l-frieħ, iżda wkoll bħala esebit edukattiv fiċ-ċentru ta' San Luċjan fejn kienu jżuruh numru kbir ta' studenti kull sena.


Akkwarju għat-tnissil tal-bużaqq


Petri dishes bil-bajd u l-frieħ tal-Bużaqq f'San Luċjan


Frieħ tal-Bużaqq

Wara s-suċċess li kellu l-proġett pilota, bdew isiru l-preparamenti sabiex f'Lulju tal-2016, bl-għajnuna tal-Bank of Valletta, tnieda uffiċjalment il-proġett ta' konservazzjoni li għandna llum imsejjaħ Killifish Conservation Project (KCP). Mal-popolazzjoni tal-Għadira żdiedet oħra, dik tal-Magħluq ta' Wied il-Għajn, li skont in-NTM u studji li kienu saru minn akkademiċi, kienet l-iktar waħda fil-periklu tal-estinzjoni. Minn dan is-sit ittieħdu għaxar



Bajd u frieħ tal-Bużaqq imfaqqsin f'San Luċjan



Par Bużaqq qed ibid

pari Bużaqq biex permezz tagħhom jibda x-xogħol ta' tkattir b'metodi xjentifiċi. Riżultat ta' dan, is-sena li għaddiet ġiet irrilaxxata fis-sit tal-Magħluq l-ewwel qatgħa ta' Bużaqq imkabbra mill-KCP bħala prova, wara li dawn kienu qattgħu żmien kemxejn twil f'gaġġa fil-post fejn setgħu jiġu osservati kuljum minn uffiċjal tal-akkwakultura qabel intelqu definittivament fis-sit.

Bħalissa, fis-sit Natura 2000 tal-Magħluq ta' Wied il-Għajn, qiegħed isir xogħol sabiex dan il-post ta' importanza ekoloġika jinżamm nadif u mmaniġġjat kif għandu jkun. Sar, u għadu qed isir, sajd awtorizzat mill-ERA sabiex jiġu kkontrollati n-numri ta' speċi ta' ħut invażivi li jikbru hemmhekk. Sar ukoll xogħol fejn il-papri domestiċi li kienu ntelqu minn xi individwi fil-passat tneħħew kważi għalkollox. Qed jiġu kkurati s-siġar u l-pjanti li hemm fis-sit kif ukoll twaħħlu kameras ta' sorveljanza sabiex il-post jiġi mħares aħjar minn vandaliżmu u ksur tal-liġi oħra.



Il-Magħluq ta' Wied il-Għajn

Tkellimna ħafna dwar il-popolazzjoni tal-Magħluq ta' Wied il-Għajn għaliex kif għidna bħalissa hija l-iktar waħda mhedda; biss il-proġett ta' konservazzjoni ma jiqafx hemm. Fiċ-Ċentru ta' San Luċjan qed jiġu miżmuma wkoll kampjuni mdaqqsa sew ta' Bużaqq minn siti oħra, bħall-Għadira, is-Salini u aktar 'il quddiem is-Simar. Dan qed isir sabiex il-proġett ikollu popolazzjonijiet magħrufa bħala maintenance stock li jkunu jistgħu jintużaw f'każ li jkun hemm bżonn. Dawn qed jinżammu f'vaski apposta bl-aktar mod naturali possibbli u separati minn xulxin biex ma jitħalltux flimkien ġenetikament.

Il-futur tal-Bużaqq, li issa ġie wkoll iddikjarat bħala l-ħuta Nazzjonali ta' pajjiżna, jibqa' wieħed inċert. Dan għaliex l-abitat tagħha hu rari f'Malta u l-pressjoni fuq dawn il-postijiet qiegħed dejjem jiżdied, kemm b'mod naturali kif ukoll minħabba xi azzjonijiet li jagħmel il-bniedem. L-isforzi li saru u li għadhom qegħdin isiru mill-Killifish Conservation Project, qed jgħinu ħafna biex din l-ispeċi ta' ħuta tant vulnerabbli tibqa' magħna u mal-ġenerazzjonijiet futuri.



Gaġġa esperimentali fil-Magħluq ta' Wied il-Għajn




Workbook għat-tfal dwar il-Bużaqq

# Prattiċi Sostenibbli fl-Attività Agrikola

AgriConnect

Kitba ta'
**NEIL TANTI**
*Manager AgriConnect*

**NATHALIE SPITERI D'AMATO**
*Uffiċjal Agrikolu Anzjan*

## Pjan tal-uċuħ

Il-Pjan tal-uċuħ iservi biex jgħin lill-bdiewa jiddiversifikaw l-uċuħ tar-raba' tagħhom skont x'qegħdin jippjanaw li jkabbru tul l-istaġuni differenti tas-sena.

It-tkabbir tal-istess uċuħ fl-istess għalqa gradwalment inaqqas l-ammont ta' ċerti nutrijenti li huma tant bżonjużi bħan-nitroġenu, il-potassju u l-fosfru fil-ħamrija. Sabiex ikollok prodotti ta' kwalità, huwa essenzjali li l-uċuħ jiġu pprovduti bl-aħjar kundizzjonijiet tal-ħamrija għall-iżvilupp tagħhom.

In-newba hi prattika li sservi ta' benefiċċju kemm għall-bidwi u kif ukoll għall-ambjent. Din tnaqqas il-ħtieġa għall-fertilizzanti u għall-pestiċidi. Permezz tal-kultivazzjoni ta' ċerti prodotti, ngħidu aħna l-qamħ, in-nitroġenu jiżdied fil-ħamrija permezz tan-noduli fl-għeruq. Il-kultivazzjoni tal-qamħ jgħin ukoll sabiex jillimita l-ammont ta' ħaxix ħażin li jista' jikber fl-għalqa. In-newba tgħin ukoll sabiex ittejjeb l-istruttura u tnaqqas l-erożjoni tal-ħamrija, iżżid il-materja organika, u tagħti prodotti aktar varjati u ta' kwalità.

## Pjan tal-fertilizzant

Fil-ħamrija nsibu ammonti differenti ta' nutrijenti bżonjużi għat-tkabbir tal-uċuħ, fosthom in-nitrati, il-fosfru u l-potassa. In-nitrati huma forma naturali ta' nitroġenu fil-ħamrija li permezz ta' mikro-organiżmi fil-ħamrija, jagħmlu n-nitroġenu disponibbli għall-pjanti. Il-livelli ta' nitrati fil-ħamrija jvarjaw ħafna skont it-tip ta' ħamrija, il-kundizzjonijiet tal-klima, l-ilma tat-tisqija, l-uċuħ imkabbra u l-prattiċi ta' fertilizzazzjoni.

Madanakollu dawn in-nutrijenti mhux dejjem jinstabu f'ammonti adegwati skont il-bżonnijiet tal-prodott. Permezz ta' pjan tal-fertilizzant, il-bidwi jkun jista' jiddetermina liema nutrijenti huma bżonjużi fil-ħamrija sabiex il-prodotti mkabbra jkollhom l-ammonti neċessarji ta' nutrijenti tul il-kultivazzjoni tagħhom, minn meta jinżergħu sa ma dawn jiġu biex jinħasdu jew jinqalgħu.

Il-proċess li bih jiġi fformolat pjan tal-fertilizzant huwa wieħed sempliċi. L-ewwel jiġi analizzat kampjun tal-ħamrija, meħud minn kull għalqa reġistrata mill-bidwi. Dan hu bżonjuż biex jiġu determinati l-livelli ta' nitroġenu, potassa u fosfru ta' kull għalqa bħala pjan ta' tħejjija qabel ma ssir il-kultivazzjoni f'dik l-għalqa. Il-pjan ta' fertilizzazzjoni jsir skont it-tip ta' veġetazzjoni, in-nutrijenti preżenti fl-għalqa u l-ilma użat għat-tisqijja. Dawn l-ammonti huma mkejla skont il-linji gwida hekk kif inhuma ssuġġeriti permezz tal-limiti legali f'S.L. 549.66, ir-Regolamenti tal-Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati.

AgriConnect jifformola pjanijiet ta' fertilizzanti u pjanijiet ta' uċuħ tar-raba' b'xejn meta bdiewa part-time, full-time u raħħala jutilizzaw il-pakkett ta' servizz offrut mingħajr ebda spiża. Il-bdiewa interessati huma mħeġġa biex jagħmlu kuntatt ma' AgriConnect fuq in-numru 21 80 49 81 / 21 80 49 84 sabiex ikollhom l-informazzjoni meħtiega ħalli b'hekk ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Cross Compliance.



# Konferenza Diġitali Nazzjonali Għall-Jum Dinji tal-Annimali

## Il-Ministru Refalo "Ejjew inkomplu naħdmu flimkien għall-benefiċċju tal-annimali kollha."

**Ftit tal-ġimgħat ilu, il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo għamel l-ewwel Konferenza Diġitali Nazzjonali biex jiġi ċċelebrat il-Jum Dinji tal-Annimali.**



L-għan tal-Jum Dinji tal-Annimali huwa li jgħolli l-istatus tal-annimali sabiex jitjiebu l-istandards tal-ħarsien tagħhom madwar id-dinja kollha.

Għal din il-konferenza ġew mistiedna NGO's u volontiera li jaħdmu mal-annimali, il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali kif ukoll il-Kummissarju tal-Annimali s-Sur Denis Montebello.

Matul l-ewwel tmien xhur ta' din is-sena kien hemm mal-erbat elef telefonata fuq in-numru 1717 u għal kull telefonata ntbagħtet ambulanza. Dawn is-sejħiet irriżultaw f'518-il kelb li ġew salvati, kif ukoll madwar 1,400 qattus. Il-Ministru Refalo rringrazzja lit-tim kollu tal-Animal Welfare għax-xogħol iebes li jagħmlu b'dedikazzjoni kbira, kif ukoll lill-NGOs u lill-voluntiera kollha li jgħinu biex l-annimali jsibu home ma' familji li jkunu verament iħobbuhom u jkunu dedikati għalihom.

Il-Ministru Refalo enfasizza kemm kulħadd għandu rwol importanti fil-kisba għall-għarfien billi nqajmu aktar kuxjenza dwar kwistjonijiet għall-ħarsien tal-annimali, noffrulhom spazju fil-komunità tagħna bi kwalità ta' ħajja kif mistħoqq. Il-Ministru Refalo rrikonoxxa l-kontribut tal-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali bil-kontribuzzjonijiet tagħhom.

Permezz ta' diversi programmi ta' finanzjament offruti lill-NGOs, il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali provda 'l fuq minn €200,000 f'assistenza fl-2019, filwaqt li l-Kunsilli Lokali li kkwalifikaw għall-iskema LC Care se jiġu pprovduti 'l fuq minn €170,000 hekk kif jitlestew il-proġetti tal-2019. Il-konkorrenza fl-2020 kienet akbar u l-Ministru assigura li se jkompli jwettaq.

Waqt il-konferenza, il-Ministru Refalo qal li din kienet opportunità biex nisimgħu dwar proġetti relatati mal-ħarsien tal-annimali li nkisbu b'suċċess. Huwa semma l-kollaborazzjoni bejn il-Gvern u l-komunitajiet lokali u rringrazzja lil dawk li kienu involuti direttament fil-kura tal-annimali.



# Il-Girlanda





## Artiklu għat-tfal

**MARIA MICALLEF**
*Uffiċjal Agrikolu Anzjan*

**Il-girlanda ta' mal-bibien**
Ħafna mill-Ewropej tal-Lvant qabel ġie Kristu kienu jwaħħlu mal-bibien girlanda magħmula mill-ħsad sabiex jipproteġu lin-nies ta' ġewwa d-dar u sabiex iġġibilhom ir-risq fil-ħsad tas-sena li jmiss. Fis-seklu sittax, speċjalment il-Ġermaniżi, kienu jużaw siġra li tħaddar is-sena kollha bħala siġra tal-Milied għaliex kienet komuni f'dawk l-inħawi. Dawn kienu jagħtuha forma triangulari sabiex tidher isbaħ. L-eċċess tal-friegħi kien jiġi użat fil-girlanda tal-Milied illi titwaħħal mal-bieb. Illum din l-użanza tal-girlanda mal-bibien baqgħet, b'differenza illi l-girlanda tfakkarna fir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt u li huwa bla bidu u bla tmiem.

Ħafna tfal jippreparaw il-girlanda fl-ewwel Ħadd tal-Avvent flimkien mal-parroċċa sabiex jgħoddu flimkien mal-Knisja l-wasla ta' Ġesù Bambin. Hija wkoll użanza Maltija illi din tiġi mbierka mill-qassis tal-parroċċa. Hawn taħt insibu ftit ideat ta' kif tistgħu tagħmlu l-girlanda tagħkom sabiex iddendluha wara l-bieb jew iżżidulha x-xemgħat u toħolqu l-girlanda tal-avvent.

### Krafts – girlanda tal-karti

Għandna bżonn:

- Kartonċina jew platt tal-karti;
- Kolla;
- Lapes bil-gomma;
- Ħafna karti tat-tajr ħodor maqtugħin kwadri;
- Pinzell;
- Pom poms ħomor jew tistgħu tagħmluhom intom bil-karti tat-tajr ħomor;
- Spaga jew żigarella;
- Imqass.



### Metodu:

**L-ewwel pass:** Pinġi forma tonda fuq il-kartonċina u aqta' bl-imqass. Erġa' pinġi ċirku iżgħar fin-nofs u aqtgħu wkoll sabiex ikollok forma tonda b'toqba tonda fin-nofs. Jekk qed tuża platt kemm taqta' ċirku tond fin-nofs tal-platt sabiex ukoll tispiċċa b'ċirku tond b'toqba tonda fin-nofs.

**It-tieni pass**: Itfa' ftit kolla bil-pinzell fuq biċċa mill-kartonċina.



**It-tielet pass**: Uża l-gomma tal-lapes sabiex tagħti l-forma lill-karta tat-tajr il-ħadra kif muri.

**Ir-raba' pass**: Itfa' fuq il-kolla l-biċċiet tat-tajr illi tajt forma u ppressa u erġa' tihom il-forma bil-gomma tal-lapes stess.

**Il-ħames pass**: Ibqa' sejjer/sejra hekk sakemm timla ċ-ċirku kollu.

**Is-sitt pass:** Waħħal il-pom poms ħomor fejn tixtieq u orbot iż-żigarella jew l-ispaga ma' fuq sabiex tkun tista' ddendilha.

### Filmat ta' YouTube kif tagħmel girlanda b'modi differenti

Nużaw il-boċċi tal-Milied għall-girlanda https://www.youtube.com/watch?v=uRvC3xQBaeA

Nużaw it-tinsel għall-girlanda https://www.youtube.com/watch?v=5stWHkSZ2Ao





REĠISTRU NAZZJONALI TA' PRODOTTI AGRIKALIMENTARI TRADIZZJONALI TA' MALTA U GĦAWDEX

# Qagħaq tal-Għasel

L-għaġina li tintuża għall-qagħaq tal-għasel issir minn taħlita ta' frak tal-biskuttelli, ġeneralment li ma jkunux inbiegħu, jew inkella taħlita ta' dqiq, marġerina u bajd, minn nuħħala, smid (semolina) u ilma. Għall-preparazzjoni tal-mili jitgħalla l-ilma u jiġu miżjuda t-treacle, iz-zokkor, it-taċċi tal-qronfol, il-kokotina, il-kannella, il-ħwawar imħallta u l-qxur tal-klementina maħkukin. Dawn jitħalltu kollha f'daqqa u wara jiġi miżjud is-smid u jitħalla fuq in-nar sakemm jilħqu konsistenza magħquda. La darba l-mili jkun lest u jiksaħ, l-għaġina tinfetaħ u titqatta' f'għamla ta' rettangoli fejn wara jitpoġġa l-mili fuqhom. Dawn jiġu mrembla f'għamla ta' ċrieki u jinħmew fil-forn.

# Sidra tad-Dundjan bil-Patata l-Forn

Għall-preparazzjoni tad-dundjan, il-laħam taċ-ċanga jiġi kkapuljat u wara mħallat mal-bacon, mat-tursin, mal-origano, mal-bżar u mal-melħ. Din it-taħlita titpoġġa fuq is-sidra tad-dundjan miftuħa. Fin-nofs jitpoġġa l-bajd iebes b'karrotta mdaħħla f'nofshom. Il-bajd flimkien mat-taħlita jitremblu sabiex jifformaw romblu u tintuża bajda biex tgħaqqad. Is-sidra tad-dundjan tiddawwar mat-taħlita fejn wara tiddaħħal ġol-katusa sabiex tiddaħħal ġo xibka.

Għall-preparazzjoni tad-dixx l-ewwel jitqatta' l-basal fi flieli u jitpoġġa fil-qiegħ. Wara jiġu miżjuda l-piżelli, il-karrotti, it-tursin, is-sidra tad-dundjan, it-tewm, l-origano, il-melħ u l-bżar. Fil-wiċċ tiġi miżjuda l-patata bi ftit bużbież, ilma u żejt taż-żebbuġa fuqha. Dan id-dixx jinħema fil-forn f'temperatura moderata għal madwar disgħin minuta sakemm isir il-laħam u sakemm il-patata tieħu lewn ħamrani.



MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA
SAJD, U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI